**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 8 t'Ottubru 2018**

**Talba Nru: 280/18 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Paul Deguara Jean (ID 123482 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Gunju 2018 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn u erbgha u disghin Euro u tletin centezmu (€2,094.30), rapprezentanti servizi rezi in kwantu ghal elf, mija u disgha u disghin Euro u sebghin centezmu (€1,199.70) in konnessjoni ma' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11011306 u in kwantu ghal tmin kija u erbgha u disghin Euro u sittin centezmu (€894.60) in konnessjoni ma' telefonija cellulari bil-kont

numru 1.11011307 fuq talba u a beneficcju tal-intimat u dan kif jirrizultaw mill-ftturi li kopji taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok. X1 u Dok. X2.

Illi dan il-kreditu qieghed jigi kkonfermat mir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. X 3.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta'

attrici s-somma ta' elfejn u erbgha u disghin Euro u tletin centezmu (€2,094.30) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur